# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 352/2015

**Il-Pulizija**

**vs**

**Keith Attard**

Seduta tat-30 t'Ottubru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Keith Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 430064M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn Settembru 2012 sa Novembru 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Gabriella Attard u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew

stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-uliedu fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-22 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lil imsemmi Keith Attard hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u ikkundannatu xaharejn detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Keith Attard, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka fl-intier taghha s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Keith Attard li biha huwa nstab hati u gie kkundannat xahrejn detenzjoni, u dan billi tilliberah mill-akkuza migjuba kontrih;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-ewwel gravami dirett lejn is-sejbien ta' htija u bit-tieni wiehed jikritika l-piena erogata;

2. Mix-xhieda u d-dokument ezaminati jemergi illi fil-15 ta' Novembru, 2014, WPC 345 kienet irceviet rapport minghand il-kwerelanta li l-appellant ma kienx hallasha l-manteniment kollu dovut ta' €600 kull xahar minn Dicembru tas-sena 2012 sa Gunju 2014 u li minn Lulju 2014 ma kienet tircievi xejn. Il-kwerelanta, wara li ghamlet referenza ghall-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejnha u zewgha l-appellant datat 5 ta' Marzu 2008 kif ukoll elenku li juri hlas ta' manteniment sia fl-intier tieghu kif ukoll in parti, ezebiti quddiem l-ewwel Qorti, xehedet illi inizjalment kellha tiehu s-somma ta' erbatax-il elf euro bhala arretrati ta' manteniment. Minn wara l-prolazzjoni tas-sentenza appellata, beda jhallas €175 in eccess sabiex jissalda l-arretrati, kien hemm kambjament minn naha tal-appellant u ghandu xoghol regolari. Xehedet ukoll illi bil-konferma tas-sentenza appellata, kienet ser tbghati hi ghaliex naturalment l-appellant jitlef x-xoghol u l-introjtu tieghu. L-appellant ma xehedx quddiem din il-Qorti minkejja li xehed quddiem dik tal-ewwel grad;

3. Ikkunsidrat inoltre illi minkejja li l-kwerelanta tghid li kien hemm arretrati ta' erbatax-il elf Euro, minn ezami tal-elenku ezebit minnha stess, din is-somma tmur lura ghas-sena 2010. F'dik is-sena kien hemm mankanza ta' €1010, fis-sena ta' wara kien hemm €1160 u f'Dicembru 2010 kien hemm €5900 u b'kollox, sa dak in-nhar €8070. Issa jekk l-ilment tal-kwerelanta jmur lura ghal-Dicembru, 2012 l-arretrat ghal fini ta' din il-procedura kriminali kellhom ikunu ta' €5930 (14,000 - 8070) u li minnhom wara s-sentenza appellata gia thallsu €3250. Minn dak li semghet il-Qorti, l-appellant mhux li ma hallas xejn mill-manteniment minnu dovut, anke jekk kien hemm okkazzjonijiet singolari dwar dan, izda kien ihallas rata

anqas, apparentement dovuta ghas-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Milli tista' tifhem ukoll il-Qorti, llum li s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu hija hafna ahjar mhux biss huwa regolari fil-hlas talli qed ihallas oltre sabiex jissalda l-arretrati li dwarhom jidher li hemm xi ftehim;

4. Kwantu s-sejbien ta' htija, din il-Qorti hi tal-fehma li dik tal-ewwel grad setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk ma hemmx lok li jkun disturbat dak il-gudizzju;

5. Kwantu l-piena, l-ewwel Qorti jidher li kienet impressjonata bis-somma ta' €14,000 msemmija mill-kwerelanta, izda kif spjegat *supra* dik is-somma tinkludi perjodu li ma huwiex kompriz fl-imputazzjoni in mertu. Bix-xhieda tal-istess kwerelanta, d-detenzjoni tal-appellant ser ikollu effett negattiv fuq dik li issa tidher li hi posizzjoni regolata kwantu hlas tal-manteniment kif ukoll l-arretrati. Ghalhekk ukoll jista' jitqies li intlahaq l-iskop tal-legislatur kif ravvizat fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali u ghal dawn il-motivi hemm lok ta' varjazzjoni fil-piena;

6. Ghal dawn ir-ragunijiet tiddisponi minn dan l-appell billi fil-waqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet htija fl-appellant, thassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-detenzjoni ghal zmien xaharejn u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €25.